MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Talba Numru. 213/2010

**Mobile Communications Limited – C24655**

**vs**

**Janice Mizzi – I.D. 424271[M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Frar tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u sebgha u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€677.33c) rapprezentanti ammont li kien dovut fuq diversi kontijiet in konnessjoni ma’ kuntratt bin-numru 410079, u dana ghax-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u 2009.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal- 31 ta’ Ottubru u dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment bhala att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm inghatat l-opportunita` sabiex tipprezenta r-risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici, hija naqset milli taghmel dan.

Tinnota wkoll filfatt illi fis-seduta tallum stess dheret il-konvenuta u ddikjarat li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici filfatt kien dovut kif mitlub, u li kienet sejra tipprova tasal fi ftehim mas-socjeta` attrici ghal modalita` tal-pagamenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni ta' l-istess konvenuta qieghed jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€677.33c) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kif rikjesti a karigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------